



BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-3 ta' Ġunju, 2005

fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' l-estimi u dwar is-sorveljanza u l-

koordinazzjoni tal-politika ekonomika (COM(2005) 154 finali)

(CON/2005/18)

1. Fit-3 ta' Mejju, 2005, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1466/97 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' l-estimi u dwar is-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika (minn issa 'l quddiem 'ir-regolament propost').
2. Ir-regolament propost huwa bbażat skond l-Artikolu 99(5) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropea. Minkejja li din id-dispożizzjoni ma tikkontemplax b'mod ċar xi konsultazzjoni mal-BĊE, is-sorveljanza fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' l-estimi u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huma rilevanti għall-għan primarju tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet. Għalhekk, il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata skond l-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 105(4) tat-Trattat. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.
3. Politika fiskali tajba hija fundamentali għas-suċċess ta' unjoni ekonomika u monetarja (EMU). Hija prerekwiżit għal stabbiltà makroekonomika, tkabbir u koeżjoni fiż-żona tal-euro. Il-qafas fiskali li jinsab fit-Trattat u fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa l-pedament ta' l-EMU u b'hekk essenzjali biex jankra l-istennijiet ta' dixxiplina fiskali. Dan il-qafas mibni fuq ir-regoli, li jaspira biex jiżgura finanzi pubbliċi sostenibbli filwaqt li jħalli r-regolar permezz tat-tħaddim ta' stabbilizzaturi awtomatiċi, għandu jibqa' ċar, sempliċi u infurzabbli. Konformità ma' dawn il-prinċipji tiffaċilita wkoll trasparenza u trattament ugwali fl-implimentazzjoni tal-qafas.
4. L-għan tar-regolament propost huwa li jirrifletti tibdiliet fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li dwarhom kien hemm qbil mill-Kunsill (ECOFIN) fl-20 ta' Marzu, 2005. Ir-regolament propost jittratta l-proċess tas-sorveljanza u l-istabbiltà ta' l-għanijiet ta' żmien medju għall-politika fiskali ta' l-iStati Membri. Filwaqt li l-BĊE ma jarax il-bżonn li jesprimi opinjoni dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regolament propost, huwa japprova l-għan li jtejjeb is-sorveljanza u l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika sabiex jintlaħqu u jinżammu l-għanijiet ta' żmien medju li

jiżguraw is-sotenibbilta` ta' finanzi pubbliċi. Implimentazzjoni rigoruża u konsistenti tal-proċeduri tas-sorveljanza jwasslu għal politika fiskali prudenti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-3 ta' Ġunju, 2005.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET